


# Pietro Gagliardi 1809 - 1890

## Il-Pittur tal-Madonna tad-Duttrina

Karmenu Massa

Matul din is-sena qed ikun imfakkar il-mitejn sena mit-twelid tal-artist pittur Ruman, Pietro Gagliardi. Ir-raħal tagħna qed jagħmel dan b'mod speċjali. Dan għaliex fil-Knisja Parrokkjali tagħna għandna żewġ pitturi mgħamulin minnhu, li huma ta' wirt artitsiku importanti għar-raħal tagħna kif ukoll għal pajjiżna.



*Pietro Gagliardi*

Qed nirreferi għall-kwadru titulari ta' Marija Annunzjata kif ukoll għall-kwadru tal-Madonna tad-Duttrina.

Pietro Gagliardi twieled f'Ruma u fforma l-arti tiegħu fl-akkademja prestiġjuża Rumana "Accademia di San Luca". Hu attenda għall-korsijiet tal-artisti Vincenzo Camuccini, Gaspare Landi u Tommaso Minardi. Ta' erbgħa u għoxrin sena iddebutta bi tliet biċċiet xogħol ta' pittura fis-swali ta "Piazza del Popolo". Is-sena ta' wara żejjen il-kappella ta' Villa Borghese fi Frascati flimkien mal-artist Antonio Capalti. Sas-sena 1841 żejjen ukoll dik ta' Marino Torlonia f'Castel Gandolfo, il-post fejn hemm ir-residenza tas-sajf tal-Papa. Fl-1842 ħa sehem fid-dekorazzjoni tal-palazz Torlonia fi "Piazza Venezia".

Kien wieħed mill-artisti taċ-ċiklu rikonoxxut u mqabbad mill-Papa "Pio Nono" għat tiġdid u restawr tal-knejjes u bażiliċi ta' Ruma. Bis-saħħa t'hekk għamel ħafna xogħol dekorattiv u pitturi reliġjużi. Fost il-ħafna knejjes li ħadem fihom insibu li ħadem ukoll f'waħda mill-aktar bażiliċi importanti ta' Ruma, dik ta' "San Paolo Fuor Le Mura".

Wara d-definizjoni tad-domma tal-Immakulata fl-1854, hu pinġa diversi pitturi b'dan is-suġġett, fosthom dawk tal-knejjes ta' Santu Rokku, Santa Marija dell' Orto, San Vito u Sant Injazju. Ħadem ukoll fuq ħafna kummissjonijiet oħra minn prinċpijiet u benestanti f'Ruma u madwar Lazio. Minħabba l-fama tajba li kiseb, ħadem ukoll ħafna xogħlijiet reliġjużi għal barra mill-Italja. Xhieda ta' dan huma l-buzzetti u disinji tiegħu li jinsabu fil-"Museo di Roma". Malta wkoll hija xhieda ta' dan għax hawn ħafna xogħlijiet tiegħu madwar diversi parroċċi u knejjes Maltin. Barra tal-Annunzjata u tal-Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien, insibu oħrajn bħal kwadru titulari tal-Assunta tal-Gudja, u l-kwadru titulari ta' San Gejtanu tal-Hamrun. Pitter ukoll xogħol għall-Katidral tal-Imdina il-kwadru bis-suġġett il-"Patoċinju tal-Madonna" kif ukoll żewġ lunetti laterali li juru l-Assunta u l-inkoronazzjoni tal-Madonna. Insibu wkoll kwadru ta' San Ġużepp għall-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Ġieżu tar-Rabat. Għall-knisja parrokjali tal-Furjana pitter il-"Madonna tas-Sacro Cuor". Fil-Belt Valletta nsibu wkoll kwadru żgħir tal-Madonna Tad-Duttrina fil-knisja ta' Santu Rokku, u fil-knisja ta' Santu Wistin insibu kwadru ta' San Ġużepp. Għall-knisja tal-Franġiskani ta' putirjal għamel kwadru tal-Kunċizzjoni. Għall-Franġiskani ta' Ġiezu pitter kwadru ta' San Franġisk t'Assisi. Pittura oħra li għal xi żmien kienet fil-Konkatidral ta' San Ġwann, u llum qiegħda fil-mużew tal-Katidral tal-Imdina hi tal-Madonna bil-Bambin iżomm is-Salib.

Ħadem ukoll bħala rittrattista (portraits), fejn eċċella wkoll. Fost ir-rittratti li ħadem awto-rittratti tul tliet fażijiet ta' ħajtu. Għamel wieħed meta kien ta' madwar 25 sena, ieħor meta kellu madwar 40 sena u ieħor meta kellu madwar 66 sena.

## Ix-Xogħlijiet f'Ħal Tarxien.

Iż-żewġ pitturi li għandna Ħal Tarxien, ta' Pietro Gagliardi, għandhom importanza partikolari għalina. Il-kwadru titulari li jirrappreżenta l-Annunzazzjoni tal-Verġni Marija u l-kwadru tal-Madonna tad-Duttrina li

*ikompli f'paġna 51*





*L-arma tal-kunjom Gagliardi*

għanda l-Konfraternità li ġġib l-istess titlu. Dwar l-ewwel wieħed diġà nkiteb u ntqal tajjeb ħafna minn kittieba differenti. Dawn it-tnejn tpittru fis-sena 1874. Xhieda ta' dan hija l-isem u d-data mpittra fuqhom stess. Hemm min jgħid li dawn ġew ikkommissjonati flimkien mill-Kappillan Dun Pawl Lauron u hemm min jgħid li wieħed ġie ordnat wara l-ieħor. Ta' min jgħid li l-kappillan Lauron kien ukoll dak li fl-istess sena rravviva u waqqaf il-Konfraternità tal-Madonna tad-Duttrina, kif ukoll kien prokuratur u benefattur tagħha.

F'wieħed mill-kotba tal-fratellanza, dak ta' l-"Annualita", nsibu li Lorenzo u Carmela miżżewġin Cassar u binhom Giuseppe, fil-konsulta ġenerali li saret fil- 21 ta' Ġunju 1874, ġew "giubilati" (aċċettati fil-fratellanza) mill-fratelli kollha, mingħajr ħlas talli l-imsemmijja Cassar wiegħedu li jħallsu l-ispiża għall-kwadru li jirrappreżenta lil Verġni Santissma taħt it-titlu tad-Duttrina, patruna tal-fratellanza tagħna.

Irċevuta li għandha l-fratellanza innumerata "49" u datata 15 ta' Frar 1875, tgħid b'kitba bit-Taljan u tradotta bill-Malti tgħid:

"Qed nirċievi, jiena iffirmat hawn taħt, mingħand il-Wisq Reverendu Sinjur Kappillan Dun Pawl Lauron f'liri effettivi tad-deheb, dsatax-il waħda, li jiswew 475,28 franki bħala prezz tal-Kwadru taż-żejt li juri lill-Beata Verġni tad-Duttrina xogħol tal-pittur ċelebri Galiardi ta' Ruma, u biex nagħti is-somma imsemmija hawn fuq lill-korrispondent tiegħi is-Sinjur Kanonku Salvatore Souchet f'Ruma bħala inkarigat ngħid £19 il-lira sterlina li jissarfu (Fr: 475.28)". Din il-kitba ġġib il-firma ta' Antonio Gerada.

## Il-Kwadru.



*Il-firma ta' Pietro Gagliardi fuq l-inkwatru tal-Madonna tad-Duttrina*

F'dan il-kwadru naraw il-figura kalma tal-Madonna bilqiegħeda fuq tron jew katedra. Dan simbolu tal-awtorita' li tgħallem. Il-ktieb miftuħ, li jissimbolizza l-għerf, jinsab fuq ħoġor Marija li hi stess hi "It-Tron ta' l-Għerf". U dan l-għerf ta' Alla, hi twasslu lilna għax hi Omm u għalliema tagħna. Dan qed jintwera li qed tgħamlu waqt li b'idha il-leminija qed turi lejn dan il-ktieb. Figura prominenti fuq Marija hi dik tal-ħamiema li tissimbolizza l-Ispirtu s-Santu li Hu l-qawwa t'Alla li niżlet fuqha u għattietha. Il-figura tal-Madonna hi mlibbsa t-tunika ħamra u mant blu skont il-vena ikonografika trdizzjonali. Ħaġa komuni ħafna fil-figuri tal-Madonna li għamel Pietro Gagliardi hi li il-velu fuq ras il-Madonna hu trasparenti. Hekk ukoll hu f'dan il-kwadru kif ukoll f'dak tal-Annunzazzjoni tagħna.

Kwadru ta' livell bħal dan kien jixraq li jkollu gwarniċ mill-isbaħ. Hekk sar, u l-fratellanza ħasbet għal dan billi tqabbad l-iskultur Franku Faure' biex ħadmu. Dwar min għamel id-disinn tiegħu għad ma nafux fiċ-ċert. Iżda fil-Katidral tal-Imdina hemm żewġ kwadri fuq kull naħa tal-artal maġġur u dawn jixbħu l-gwarniċ tal-Madonna tad-Duttrina. Ix-xebħ qiegħed kemm għax huma ovali kif ukoll fl-istil tad-disinn. Dawn il-kwadri tal-Imdina huma disinn ta' Pietro Gagliardi. Tgħid il-gwarniċ tal-Madonna tad-Duttrina hu wkoll ta' Pietro Gagliardi? Jekk hu hekk din il-biċċa xogħol hi tassew kompluta u il-valur artistiku tagħha hu ta' importanza akbar, kemm għall-parroċċa tagħna kif ukoll lil hinn minnha.

Pietro Gagliardi miet ta' 81 sena fil-belt ta' Frascati barra minn Ruma fl-1890. Hu kien u għadu meqjus bix-xieraq bħala artist ċelebri tal-istil romantiku purista Ruman kif ukoll bħala wieħed minn dawk li wrew fil-figuri tal-Madonna l-messaġġ li xtaqet twassal il-Knisja Kattolika permezz tal-arti. L-arti hi waħda mill-media li permezz tagħha tista' titwassal id-Duttrina lill-poplu kollu.